**Q O R T I Ċ I V I L I**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 28 ta’ Gunju 2018**

Rikors Nru. 41 / 18RGM

Kawża fil-lista: 29

**A B**
**vs**
**C D fil-kwalita’ taghha ta’ eredi ta’ E D; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors pprezentat mir-rikorrent li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi E D twieled fis-sitta (6) ta' Awwissu, 2000 gewwa l-Isptar San Luqa, Pieta', Malta, mid-defunta Lucy Ann D nee' Cassar;

Illi l-istess E D miet nhar l-14 ta' Dicembru, 2017;

Illi l-mewt ta' E D kienet suggett ta' inkjesta dwar l-in genere, u r-rikorrenti hu nfurmat li fil-mori tal-inkjesta nhatret Dr Marisa Cassar bhala espert fil-qasam tad-DNA, bl-obbligu li tiehu kampjun tad-DNA mill-persuna tad-defunt E D;

Illi d-defunta Lucy Ann D, omm l-istess E D, kienet mizzewga lil Paul D, illum mejjet;

Illi fil-kolonna "lsem u Kunjom", id-defunt Paul D hu ndikat bhala missier id-defunt E D, u dan kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tal-istess E D illi jgib in-numru

progressiv ta' iskrizzjoni 2940/2000 tas-17 t'Awwissu 2000 mahrug mir-Registru Pubbliku;

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-QortiCivili (Sezzjoni Familja) (Rikors numru 163/01NC) tal-25 ta' Ottubru 2013, fl-ismijiet Frank D et v Lucy Ann armla ta' Paul D f'isimha proprju u bhala legittima rappezentanti ta' binha minuri E et, il-Qorti Civili laqghet it-talba tal-atturi u "[...] u filwaqt li tiddikjara li l-minuri E D li twieled minn Lucy Ann fis-6 ta' Awwissu 2000 mhuwiex il-wild naturali ta' Paul D, tordna li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid [numru 2940/2000] ta' l-istess minuri fit-termini talba attrici";

Illi din is-sentenza kienet tirrigwarda d-defunt E D u permezz taghha gie deciz li Paul D m'huwiex il-missier naturali tad-defunt E D;

Illi minkejja dak li ddecidiet din is-sentenza, id-defunt Paul D xorta wahda ghadu jidher bhala missier id-defunt E D fic-certifikat tat-twelid;

Illi kif ghandu jirrizulta mis-smigh u l-eventwali trattazzjoni tal-kawza, il-missier naturali tad-defunt E D huwa r-rikorrenti A B;

Illi r-rikorrenti minn dejjem kellu interess u ghad ghandu nteress illi tigi dikjarata l-paternita' reali tad-defunt E D;

Illi jirrizulta minn ittra datata 13 ta' Settembru 2005 li r-rikorrent kien diga' talab lil Gina Bugeja li kellha l-kustodja tal-minuri E D sabiex tissottometti lil E D ghat-testijiet relattivi tad-DNA sabiex tigi stabbilita l-paternita', u dan stante li waslitlu informazzjoni li hu jista' jkun missier il-minuri;

Illi r-reazzjoni tal-istess Gina Bugeja ghall-ittra tar-rikorrenti kienet wahda negattiva fejn ir-rikorrenti ntalab sabiex ma jergax jaghmel komunikazzjoni mal-familja taghha;

Illi r-rikorrenti in vista ta' dan u minhabba inkwiet bejn l-istess familji, kif ser jigi spjegat ahjar fil-mori ta' dawn il-proceduri, ma hax passi ulterjuri u dan fl-ahjar interess tal-minuri E D;

Illi, in vista tar-relazzjoni intima li kienet tezisti bejn ir-rikorrent u Lucy Anne D nee' Cassar, fi zmien meta d-defunta Lucy Anne D kienet mizzewga lid-defunt Paul D, qabel il-koncepiment ta' E D, ir-rikorrent ghandu raguni bizzejjed illi jemmen li huwa l-missier naturali tal-istess wild, u ghaldaqstant irid illi jirrikonoxxi lid-defunt E D bhala ibnu skont il-Ligi;

Illi ghalhekk, wara li jsiru t-testijiet genetici kollha li ghandhom jistablixxu li l-r-rikorrent hu l-missier naturali ta' E D, hu mehtieg ukoll li c-certifikat tat-twelid tad-defunt E D jirrifletti dan l-istat ta' fatt;

Illi r-rikorrent qed jintavola dawn il-proceduri a tenur tal-artikli 77A u 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din l-Onorabbli Qorti tawtorizza lir-rikorrent jibda kawza ghad-dikjarazzjoni ta' paternita';

Illi stante li ghaddew is-sitt xhur mit-twelid tad-defunt ED, artiklu 77C tal-Kapitolu 16 jistipula li "l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tista' wara li jsir rikors mill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew mill-mara, u jekk ikun possibbli wara li tkun semghet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f'kull zmien tawtorizza lill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew lill-mara biex jibdew kawza ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmi fl-artikoli 77A u 778";

Illi ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors sabiex tintalab din l-awtorizazzjoni;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u taghti l-awtorizazzjoni taghha a tenur tal-Artiklu 77C tal-Kodici Civili sabiex tinbeda il-kawza ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku taqra kif gej:-

Illi ghat-talba kif dedotta mir-rikorrent, l-esponent jissottometti illi stante Artikolu 77C tal-Kodici Civili jistipula illi ghandha tkun din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeciedi rigward l-awtorizazzjoni mehtiega sabiex tkun tista' tinbeda l-procedura ghal dikjarazzjoni ta' paternita' ghandhiex tinbeda, u dan naturalment wara li l-istess Qorti tkun semghet lill-partijiet kif ukoll qieset id-drittijiet tar-rikorrent u tat-tifel, huwa jirrimmetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Daqstant ghandu l-unur jissottometti l-esponent f’dan l-istadju.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok tecepixxi in-nullita' tat-talba kif dedotta stante li din kellha ssir permezz ta' rikors guramentat gialadarba hija bbazata fuq l-artikli 77A u 77C tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif gew emendati;

2. Illi l-istess talba kellha tingieb kontra C D fil-kwalita' taghha ta' eredi tad-defunti Paul D, Lucy Ann D u E D, u dan ai termini tal-artiklu 77A, sabiex ikun hemm l-integrita' tal-gudizzju;

3. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghall-awtorizzazzioni sabiex tinbeda l-kawza ghad-dikjarazzjoni ta' paternita'- nonostante t-trapass ta’ l’ fuq minn sitt xhur mit-twelid tal-wild - ghandha tigi michuda stante li l-istess talba certament m'hijiex motivata fl-ahjar interess tal-wild izda hija motivata mill-interessi personali tar-rikorrenti;

4. Illi di piu', fic-cirkostanzi l-Qorti mhux ser ikollha l-possibilita' li tisma' il-partijiet interessati kollha stante li l-wild E D, ommu Lucy Ann D u Paul D huma lkoll defunti;

5. Illi fl-affidavit tieghu r-rikorrenti A B jispjega li hu kien konxju tal-possibilita' li hu l-missier naturali ta' E D sa minn qabel it-twelid tal-istess E D. Madanakollu r-rikorrenti ma ntavolax il-proceduri appositi fiz-zmien stipulat rnil-ligi, u wisq anqas ghamel xi tentattivi reali sabiex ikun prezenti f’hajjet il-wild. Di fatti r-rikorrenti qatt ma kkontribwixxa fit-trobbija jew ta xi forma ta' manteniment lill-istess E D, u qatt ma kien prezenti f’hajtu;

6. Illi kellu jkun biss wara l-mewt tragika tal-istess minuri ta' sbatax-il sena, kif ukoll wara l-mewt ta' omm il-minuri, li r-rikorrenti intavola proceduri ghal dikjarazzjoni ta' parantela;

7. Illi f’dawn ic-cirkostanzi, il-motivazzjoni tar-rikorrenti hija kjarament u unikament wahda pekunjarja u mhux fl-interess tal-wild, u dan apparti diffikultajiet prattici li ser jinqalghu sabiex jingabu l-provi necessarji;

8. Illi f’kull kaz u in subsidium ir-rikorrenti jehtieglu jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid ta' E D, id-defunta omm l-esponenti kienet wettqet adulterju mieghu, u dan apparti provi ohra ai terminu tal-artiklu 77 A;

9. Illi ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li r-rikorsipprezentat mir-

rikorrenti huwa null u bla effett, u in subsidium sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom;

10. Salv kwalunkwe eccezzjonijiet ulterjuri permissibli mil-ligi.

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' April 2018 saru sottomissjonijiet preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimata C D;

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn il-partijiet inghataw zmien sabiex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet fir-rigward tal-ewwel eccezjoni preliminari tal-intimata C D;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-intimata fit-2 ta' Mejju 2018 u n-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tar-rikorrent A B ipprezentata fl-14 ta' Mejju 2018;

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent A B fis-27 ta' April 2018 fejn wara li ghamel osservazzjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata C D, ghamel ukoll is-segwenti talba:-

"*... jitlob id-direzzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti dwar jekk ir-rikors generali hekk kif guramentat minnu huwiex legalment validu ghal kull effett tal-ligi, liema rikors huwa munit diga` minn affidavit tar-rikorrent, jew jekk inkella jintavolax rikors generali guramentat mill-gdid ghall-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, u dan taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*"

Rat illi fis-27 ta' April 2018, ir-rikorrent A B ikkonferma bil-gurament ir-rikors promotur tieghu tas-26 ta' Jannar 2018;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u rat l-atti kollha;

Rat illi r-rikors thalla ghal-lum ghad-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimata C D;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni minnha sollevata fir-risposta taghha tat-12 ta' April 2018, l-intimata C D eccepiet is-segwenti:-

"*1. Illi fl-ewwel lok teccepixxi n-nullita` tat-talba kif dedotta stante li din kellha ssir permezz ta' rikors guramentat gialadarba hija bbazata fuq l-artikoli 77A u 77C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif gew emendati.*"

Illi t-talba tar-rikorrent fir-rikors promotur hija biex jinghata l-awtorizzazzjoni kontemplata fl-Artikolu 77C sabiex f'kaz ta' ezitu pozittiv, jista' jibda l-azzjoni taht l-Artikolu 77A tal-Kodici Civili ghad-dikjarazzjoni tal-paternita` tad-defunt E D, u dan billi ghaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-istess E D.

Illi in tema legali, id-dispozizzjonijiet relevanti ghall-kaz tal-lum huma s-segwenti:-

**Artikolu 77A**

***77A.** Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-ġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled il-wild, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi li wiled, il-konjuġi l-ieħor u l-wild, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxielu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild, il-konjuġi li wiled kien wettaq adulterju miegħu, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lill-konjuġi l-ieħor bħala l-ġenitur naturali tal-wild.*

**Artikolu 77C**

***77Ċ.** Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77A u 77B il-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-konjuġi li wiled skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni li persuna huwa l-ġenitur jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-wild:*

*Iżda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista', wara li jsir rikors ġuramentat mill-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ jew il-konjuġi li wiled u, jekk ikun possibbli wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-wild, f'kull żmien tawtorizza lill-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ jew il-konjuġi li wiled biex jibdew kawża għal dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B:*

*Iżda wkoll, meta l-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, kull min b'konsegwenza ta' dik id-dikjarazzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dik id-dikjarazzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija*

*minnha fuq l-att tat-twelid rilevanti ta' min tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu.*

[Sottolinejar tal-Qorti]

Ikkunsidrat;

Bl-ewwel pregudizzjali taghha, l-intimata C D teccepixxi li r-rikors ipprezentat minn A B a tenur tal-Artikolu 77C huwa null ghaliex it-talba ghall-awtorizzazzjoni kellha ssir permezz ta' rikors guramentat.

In materja tal-procediment b'rikors guramentat, l-Artikolu 154 tal-Kap. 12 jistipola illi:-

**154.** *(1) Il-proċediment b'rikors ġuramentat jitqies li huwa kawża, meta l-qorti toħroġ jew tagħti ordni lill-parti biex tidher quddiemha fil-jum u l-hin stabbilit sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tiġi milqugħa t-talba miġjuba fir-rikors ġuramentat.*

Imbaghad, l-Artikolu 156 jipprovdi x'ghandu jkun fih ir-rikors guramentat:-

*(1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –*

*(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;*
*(b) ir-raġuni tat-talba;*
*(ċ) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati; u*
*(d) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:*

*"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi. Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża. ... ... ..."*

Ikkunsidrat;

Ghar-risoluzzjoni tal-vertenza li ghandha quddiemha l-Qorti, jehtieg li qabel xejn jigi determinat jekk it-talba li saret mir-rikorrenti, liema talba hija intiza biex tinghata l-awtorizzazzjoni tal-qorti biex l-istess rikorrent jista' jmexxi 'l quddiem

kawza ghal dikjarazzjoni tal-paternita` a tenur tal-Artikolu 77A, kellhiex issir (i) fil-forma ta' rikors guramentat skont it-Titolu II tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kap. 12 ("*Fuq Procediment b'Rikors Guramentat*"), jew (ii) b'rikors ordinarju ikkonfermat bil-gurament tar-rikorrent.

Il-Qorti, wara li rat li t-talba ghall-finijiet tal-proviso tal-Artikolu 77C hija intiza biex twassal ghall-ghoti ta' awtorizzazzjoni li hija preordinata ghal kawza ghad-dikjarazzjoni tal-paternita`, ma tqisx illi r-"rikors guramentat" imsemmi fil-proviso imsemmi huwa r-rikors guramentat kontemplat fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 154 *et seq*. tal-Kap. 12. Il-Qorti tifhem li altru milli procediment fil-kontenzjuz kif mahsub fl-ewwel Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kap. 12, ir-rikors imsemmi mill-proviso tal-Artikolu 77C huwa intiz bhala preludju ghall-kawza proprja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita` anzicche` bhala rikors li jibda l-kawza nnifisha. Konformement mal-premess, il-procediment li jinbeda bir-rikors kontemplat mill-imsemmi proviso, ma jistax jitqies bhala "kawza" fis-sens imfisser fl-Artikolu 154 tal-Kap 12. Il-kawza nnifisha, pjuttost, hija l-kawza ghad-dikjarazzjoni tal-paternita` mibdija skont l-Artikolu 77A jew 77B, liema kawza ir-rikors odjern huwa preordinat ghaliha: ghalhekk, hija appuntu din il-kawza li huwa l-procediment fil-kontenzjuz li jehtieg li jinbeda permezz ta' rikors guramentat fil-forma solenni kontemplata mill-Artikolu 156 tal-Kap. 12, u mhux il-procediment mibdi b'rikors taht il-proviso tal-Artikolu 77C.

Ikkunsidrat;

Maghdud ma' dan hemm konsiderazzjoni ulterjuri. Ghalkemm huwa minnu li bl-emendi li dahlu fis-sehh bis-sahha tal-Att XXIII tal-2017[1], inbidel it-test originali tal-Artikolu 77C, jigi osservat li meta dan l-Artikolu gie introdott ghall-ewwel darba bl-emendi li saru fl-2010[2], kien jipprovdi li l-awtorizzazzjoni mehtiega biex tigi promossa validament l-azzjoni tad-dikjarazzjoni tal-paternita` a tenur tal-Artikolu 77A[3], setghet tinghata mill-qorti fuq semplici "rikors" tal-persuna li tghid li hija l-missier. Kien biss bis-sahha tal-emendi li saru fl-2017, fost ohrajn fl-Artikolu 77C, li zdiedet il-kelma "guramentat" wara l-kelma "rikors" ghall-finijiet tat-talba kontemplata fil-proviso tal-imsemmija Artikolu 77C.

Ikkunsidrat;

Illi l-emendi tal-2017[4] li laqtu lill-Kodici Civili in materja fosthom ta' filjazzjoni, saru bhala parti mill-ezercizzju holistiku fil-qafas tal-introduzzjoni taz-zwieg

---

[1] Regolament 42.
[2] Att XXIII tal-2010.
[3] Ukoll taht l-Artikolu 77B.
[4] Att XXIII tal-2017 – *"Att biex jemenda l-Att dwar iz-Zwieg u ligijiet ohrajn b'konnessjoni mal-introduzzjoni taz-zwieg indaqs u biex jipprovdi dwar hwejjeg li ghandhom x'jaqsmu maghhom jew li huma ancillari ghalihom"*.

indaqs. Il-Qorti b'hekk tifhem li l-ghan primarju fit-tibdil fit-test tal-ligi kien immirat lejn it-tnehhija tar-referenza ghall-missier jew l-omm jew is-sess tat-tarbija, proprju sabiex ma tibqax issir diskriminazzjoni abbazi tas-sess in konformita` mal-emendi li saru kontestwalment fl-Att dwar iz-Zwieg[5], milli lejn tibdil fil-procedura li biha tintalab l-awtorizzazzjoni in dizamina. Meta ghalhekk fl-ewwel proviso tal-Artikolu 77C, zdied ir-rekwizit li l-awtorizzazzjoni tal-qorti biex tinbeda kawza taht l-Artikolu 77A jew 77B - meta din tkun mehtiega – ghandha tintalab permezz ta' rikors guramentat, il-Qorti tifhem li r-rekwiziti ta' dan il-proviso jkunu sodisfatti jekk ir-rikors jigi konfermat bil-gurament ta' min jipproponih.

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm f'dan il-kaz m'huwiex kontestat li r-rikors promotur tas-26 ta' Jannar 2018 ma giex ikkonfermat bil-gurament tal-attur, u mizmumin ferm ukoll il-konsiderazzjonijiet appena maghmulin, il-Qorti tqis li f'kull kaz ghandu jigi mistharreg jekk l-att promotur huwiex null ghall-finijiet tal-Artikolu 789(1) tal-Kap. 12 gialadarba gie pprezentat minghajr ma gie kkonfermat bil-gurament tar-rikorrent.

In tema tan-nullita` tal-atti gudizzjarji, l-**Artikolu 789 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:-

"***789.** (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata -*

*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;*
*(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;*
*(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*
*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:*

*Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.*

*(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità."*

[5] Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Illi peress li hawnhekk qeghdin fil-kamp tan-nullita` ta' atti gudizzjarji, ma jonqosx li ssir distinzjoni bejn in-nullita` assoluta ta' att gudizzjarju, u dik relattiva. Kif inghad:-

*"F'tal-ewwel, il-Qorti għandha dmir li tigbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu provvediment ukoll ex ufficio, imma mhux hekk il-każ f'tat-tieni*[6]*. Minbarra dan, biex att gudizzjarju jigi dikjarat null u jitwaqqaf il-kors tiegħu, "jeħtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti pregudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-legislazzjoni u l-gurisprudenza patrija ilhom progressivament jirrifuggu mill-formliżmu eccessiv, fonti ta' litigji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purke' ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-ligi."*[7]

Illi f'dan il-kaz, il-ligi fil-proviso tal-Artikolu 77C tippreskrivi l-forma ta' "rikors guramentat". Kif gia` stabbilit, il-Qorti ma tqisx li r-rikors imsemmi fil-proviso tal-Artikolu 77C tal-Kap. 16 huwa r-rikors guramentat imfisser fl-Artikolu 154 *et seq*. tal-Kap. 12 izda f'kull kaz, il-ligi fil-proviso tal-Artikolu 77A, trid li r-rikors mahsub biex tinghata awtorizzazzjoni biex min jghid li huwa l-genitur naturali jipprocedi taht l-Artikolu 77A, ikun "guramentat".

Mhux kontestat illi meta gie pprezentat mir-rikorrent A B fis-26 ta' Jannar 2018, <u>ir-rikors promotur ma giex konfermat bil-gurament tal-istess rikorrent</u>.

Il-Qorti tqis li pjuttost milli ksur tal-forma preskritta a tenur tas-subinciz (c) tal-Artikolu 789(1), ir-rikors tar-rikorrent f'dan il-kaz jinsab milqut mis-subinciz (d) tal-istess Artikolu, ghaliex huwa nieqes minn partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-Ligi, cioe` li l-konferma bil-gurament tar-rikorrent. F'kull kaz pero`, ghandu jinghad li ma hemm ebda nullita` taht il-paragrafu (c) ghaliex huwa evidenti li l-intimata C D ma garrbet ebda pregudizzju ghaliex ir-rikors ma giex konfermat bil-gurament: hija wiegbet fiz-zmien li tat il-Qorti ghal daqshekk, u ressqet eccezzjonijiet kemm procedurali kif ukoll fuq il-mertu u b'hekk id-difiza taghha ma gietx mittiefsa.

Ghall-finijiet imbaghad tan-nullita` kontemplata mis-subinciz (d) tal-Artikolu 789(1), jigi osservat li l-ligi titkellem dwar "*partikolarita` essenzjali*" u mhux partikolarita` kwalsiasi. Kif jirrizulta mill-iskorta tal-gurisprudenza iktar recenti

[6] Ara ***Ludovico Magro vs Pio Zammit*** (mhix pubblikata), P.A. deciza 1.10.1910.

[7] ***Rita Nicolosi vs. L.E.P.T Enterprises Limited***, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 25 ta' Mejju 2010, konfermata fl-Appell 31 ta' Jannar 2014.

tal-qrati taghna[8], il-formalizmu rigoruz tal-passat fil-proceduri gudizzjarji gie temperat l-iktar bl-uzu ta' diskrezzjoni iktar ampja mill-gudikant fit-tiswija tal-atti gudizzjarji. Gie wkoll ritenut in materja ta' nullita` taht is-subinciz (d) tal-Artikolu 789(1), illi biex partikolarita` f'att gudizzjarju titqies bhala "essenzjali", jehtieg li jintwera li n-nuqqas taghha f'dak l-att:-

"*… ixekkel serjament u irrimedjabbilment xi wiehed jew aktar mill-ghanijiet legittimi tar-regoli procedurali li l-kawżi jimxu b'heffa, efficjenza, ekonomija u harsien tal-jeddijiet u tad-difiza u tal-principji tal-gustizzja naturali".*[9]

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti tissottoskrivi ghall-insenjament li att gudizzjarju m'ghandux jithassar purche` dan huwa assolutament necessarju, u dan in omagg tal-principju li l-atti gudizzjarji safejn jista' jkun, ma jithassrux, bil-ghan li l-kwistjonijiet sostantivi ma jingiebux fix-xejn fuq semplici konsiderazzjoni ta' formalita`, *multo magis* meta d-difett jew vjolazzjoni jistghu jissewwew minghajr ma jsir hsara lil xi principju tal-gustizzja naturali u dment li ma jigix arrekat pregudizzju sostantiv lill-kontro-parti.

Din il-konsiderazzjoni hija msahhha ulterjorment bil-kliem tal-ligi stess fil-proviso tal-istess Artikolu 789(1), li jipprovdi tabilhaqq ghat-tiswija tal-vjolazzjoni jew nuqqas "*taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi*".

Appuntu f'dan il-kaz tal-lum, xejn ma josta li tinghata ordni mill-qorti *moto proprio* taht l-Artikolu 173 jew fuq talba maghmula taht l-Artikolu 175 tal-Kap. 12, biex ir-rikorrent jikkonferma l-kontenut tar-rikors promotur bil-gurament tieghu, u dan sabiex ir-rikors tieghu ma jithalliex jithassar minhabba vizzju merament formali.

Ikkunsidrat;

Illi infatti, jirrizulta li sussegwentement ghall-prezentata tar-risposta tal-intimata C D fejn issollevat l-eccezzjoni tan-nullita` tar-rikors promotur, ir-rikorrent ikkonferma l-kontenut tal-istess rikors bil-gurament tieghu fis-27 ta' April 2018 skont kif jirrizulta mit-timbru stampat fuq fol. 3. Minn din il-perspettiva ghad li, kif inghad, il-vizzju fir-rikors promotur seta' jigi rimedjat skont kif mahsub fil-proviso tal-Artikolu 789(1) permezz ta' provvediment taht l-Artikolu 173 jew tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12, il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi odjerni lanqas jenhtieg

[8] Ara ***Caterina Gerada vs Avv. Dr. Antonio Caruana***, P.A., deciza 19 ta' April, 1966.
[9] ***Diane Vella et vs Medserv Operations Limited*** – P. A.,deciza 31 ta' Ottubru 2008.

provvediment bhal dak, billi n-nuqqas gie msewwi b'effett tal-principju tal-*jus supervenjens*.

In materja tal-*jus superveniens*, huwa risaput li dan il-principju jigi diversi drabi mhaddan mill-qrati taghna biex jissana u jirregolarizza l-pozizzjoni anke ta' kawzi li jkunu mankanti f'xi element essenzjali, anke procedurali. Jinghad li l-*jus supervenjens* tant ghandu skop wiesa' ta' applikazzjoni li jopera wkoll biex jissana anke dak in-nuqqas procedurali li, skont il-ligi vigenti f'dak iz-zmien meta tkun giet intavolata l-kawza in kwistjoni, ikun jirrendi l-istess kawza irritwali, nulla, intempestiva jew b'xi mod iehor eccepibbli[10]. Dan isir billi l-pozizzjoni legali li tavvera ruhha fil-mori tal-kawza u meta l-istess kawza tigi biex tigi determinata, tissupervjeni l-pozizzjoni legali li setghet kienet vigenti fil-mument ta' l-intavolar tal-kawza, b'dan li d-difett inizjali fir-rikors jigi sanat[11]. Dan huwa proprju l-effett li jipproduci l-*jus supervenjens* fil-kaz odjern b'effett tal-konferma tar-rikors promotur bil-gurament tar-rikorrenti *ex post facto*.

Mizmum ferm il-konsiderazzjonijiet kollha fuq riportati, din il-Qorti tqis illi l-fatt li r-rikors promotur ma giex konfermat bil-gurament mal-prezentata tar-rikors, izda biss sussegwentement, mhux talli jissana n-nuqqas inizjali fl-istess rikors, talli jissanah minghajr ma jibdel xejn mill-kontenut sostanzjali tad-domanda jew tad-difiza fuq il-meritu, f'liema kaz ikun hemm pregudizzju arrekat lill-kontro-parti kif mahsub fil-proviso tal-Artikolu 789(1) fuq citat, kif ukoll fl-Artikolu 175 tal-Kap. 12.

Il-Qorti tqis ulterjorment illi dawn il-konsiderazzjonijiet jibqghu jghoddu anke f'kaz li l-eccezzjoni tal-intimata kellha tigi mistharrga taht l-ottika tal-Artikolu 164 tal-Kap. 12. Fil-fatt, in propositu, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Alfred P. Farrugia noe vs Charles B***[12] rriteniet illi l-Artikolu 175 jaghti poter lill-Qorti anke biex tordna li jsiru korrezzjonijiet fl-iskritturi f'kull zmien tal-proceduri anke meta dawn jigu riskontrati b'eccezzjoni tan-nullita` abbazi tal-Artikolu 164 tal-Kap. 12:-

"*Hu minnu illi l-artikolu 164 tal-Kap 12 jipprovdi illi "bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 175 ta' dan il-Kodici, jkun hemm nullita' jekk kawza li jmissha tingieb b'citazzjoni jew b'rikors ta' appell minflok tingieb permezz ta'*

---

[10] Ara ***Joseph Debono vs Anthony Mario Vella*** – Qorti tal-Kummerc – deciza 2 ta' April 1994.

[11] ***Carmel Muscat vs Anthony Micallef*** – Qorti ta' l-Appell Kummercjali – deciza 18 ta' Jannar 1993.

[12] Deciza 30 ta' Marzu 2001, citata wkoll iktar recentement fis-sentenza ***Keyland Co. Limited et vs Josephine Xuereb***, Appell Inferjuri, deciz 15 ta' Jannar 2010.

*xi att gudizzjarju iehor". Pero' l-artikolu 175 jaghti proprju poter lill-Qorti biex tordna li jsiru korrezzjonijiet fl-iskritturi f'kull zmien tal-proceduri.*"

Din il-Qorti tqis illi dan l-insenjament u l-principju hemm enuncjat japplika bl-istess sahha ghall-eccezzjoni tan-nullita` tar-rikors promotur fil-proceduri odjerni, *multo magis* meta f'dan il-kaz ma jistax strettament jinghad illi l-att promotur tal-gudizzju quddiem din il-Qorti, minflok b'rikors, sar "*permezz ta' xi att gudizzjarju iehor*". Dan ghaliex konformament ma' dak gia` deciz - cioe` li l-forma rikjesta f'dan il-kaz ma hijiex il-forma tar-rikors guramentat taht l-Artikolu 154 *et seq.* tal-Kap. 12 - kull ma kien nieqes kien il-"partikolarita` essenzjali" tal-gurament, u mhux tar-rekwiziti tal-Artikolu 156 tal-Kap. 16. Kif rajna, in-nuqqas ta' din il-partikolarita` essenzjali hija sanabbli minghajr xkiel kemm a tenur tal-proviso tal-Artikolu 789(1) kif ukoll a tenur tal-Artikolu 173 u 175 tal-Kap. 12, ghaliex la tibdel is-sostanza tal-azzzjoni u lanqas tirreka xi pregudizzju lill-jeddijiet tad-difiza dwar il-mertu tal-azzjoni.

Ferm il-premess, l-eccezzjoni ta' nullita` tal-intimata C D hija michuda u f'dan is-sens qed jigi determinat ukoll ir-rikors ta' A B tas-27 ta' April 2017.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata C D, billi tichadha u tordna l-prosegwiment tal-azzjoni.

L-ispejjez ta' dan l-episodju ghandhom jithallsu esklussivament mir-rikorrent A B stante li kien nuqqas tieghu li wassal biex tinghata d-decizjoni odjerna.

**Imhallef** **Deputat Registratur**